**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-ONOR. LEO BRINCAT, MINISTRU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA DWAR IL-HIGH LEVEL SEGMENT U D-DOKUMENT APPROVAT TAL-COP21 TA' PARIĠI**

Sur President,

Nixtieq nirrapporta lil din il-Kamra dwar il-High Level Segment u d-dokument li ġie approvat mid-delegazzjonijiet li ħadu sehem f'dik li se tibqa' mfakkra bħala l-Paris COP21, il-*Conference of Parties* dwar it-tibdil fil-klima.

Fuq inizjattiva tal-Gvern Franċiż li mexxa l-Presidenza tal-COP21 b'għaqal u professjonaliżmu kbir, din is-sena l-proċess tal-COP21 nħadem b'mod għalkollox differenti mis-soltu.

Filwaqt li f'COPs oħrajn l-ewwel jattendu t-timijiet tekniċi u wara jattendu l-Ministri tal-klima rispettivi fejn ikollhom l-opportunità li jindirizzaw il-laqgħa plenarja u li f'ħafna drabi wara li jagħmlu dan, iħallu kollox mill-ġdid f'idejn in-nies tekniċi, din is-sena kien hemm struttura ġdida.

L-aħħar darba li attendew għadd ta' mexxejja f'xi COP dwar il-klima kien lejn tmiem il-COP ta' Kopenħagen tas-sena 2009 fejn dan kien sar bħala attentat biex forsi jsalvaw xi ħaġa minn proċess li deher ċar li kien se jfalli.

Fil-fatt l-attentat ma rnexxiex xorta waħda u għalkemm min-naħa tagħha l-UE kienet marret id-Danimarka bl-aqwa proposti, spiċċat biex ġiet impoġġija fil-ġenb bil-ftit deċiżjonijiet li ttieħdu mingħajr is-sehem dirett tagħha.

Din id-darba sabiex tkun tista' tiżgura rankatura u mbuttatura qawwija għall-Konferenza nnifisha, il-Presidenza Franċiża għażlet li tistieden lill-mexxejja tad-dinja kollha bħala xhieda tal-impenn kollettiv tal-komunità internazzjonali, quddiem it-theddida tat-tibdil tal-klima, li kif fisser tant tajjeb diġà l-Prim Ministru f'din il-Kamra nhar it-2 ta' Diċembru 2015, saret ukoll biex id-dinja turi li l-attakki terroristiċi li seħħew f'Pariġi mhux se jwaqqfu lill-komunità internazzjonali milli tibqa' għaddejja bil-ħajja tagħha u tikkopera fuq kwistjonijiet ta' importanza għall-ġnus kollha.

Illum li ninsabu anqas minn jumejn 'il bogħod mill-ftehim globali li ntlaħaq, wieħed aktar jista' jifhem l-għaqal tad-deċiżjoni Franċiża li l-COP ta' Pariġi jiġi ristrutturat b'dan il-mod.

Fi tmiem id-diskorsi tal-ftuħ saru għadd ta' laqgħat għal u bejn it-timijiet tekniċi tal-pajjiżi rispettivi sakemm il-High Level Segment, fejn il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi kienu rappreżentati mill-Ministri tagħhom tal-klima u tal-ambjent, bdiet b'differenza oħra wkoll, ċjoè li l-ministri, kuntrarju għall-prassi tal-imgħoddi, kienu mistednin biex wara li jagħmlu d-diskorsi tagħhom, jingħaqdu mat-timijiet tekniċi tagħhom u anki mal-gruppi reġjonali li kienu jagħmlu parti minnhom, ħalli jiġi żgurat li n-negozjati jħarsu mhux biss lejn l-aspetti tekniċi u xjentifiċi, iżda fl-istess ħin jiffukaw ukoll fuq il-miri u l-għanijiet politiċi.

Fil-fehma tad-delegazzjoni Maltija, li kelli l-unur immexxi, anki dan il-pass għaqli ħalla ħafna frott.

Imnebbħin mid-dikjarazzjoni taċ-CHOGM MALTA 2015 SUMMIT dwar l-Azzjoni Favur il-Klima kif ukoll mill-pożizzjoni li konna adottajna flimkien mal-istati membri l-oħra tal-UE, fil-Kunsill tal-Ministri tal-Ambjent f'Settembru li għadda ħdimna fuq dawn il-livelli:

- Ħadna sehem attiv f'kull laqgħa tal-EU Co-Ordination Group fejn f'interventi differenti sħaqna dwar il-ħtieġa li jogħla l-livell tal-ambizzjoni li kien hemm fl-ewwel abbozz tal-ftehim, li r-review period għall-istati li jintrabtu mal-ftehim ma jkunx 'il bogħod wisq, u li ma titħalla ebda tieqa miftuħa għal dak li jissejjaħ back sliding – fejn pajjiż ikollu skuża li jmur lura minn kelmtu.
- Sħaqna dwar il-ħtieġa li jkun hemm obbligi ċari speċjalment biex jorbtu lil min seta' kellu kull interess li jintlaħaq ftehim dgħajjef, u identifikajna fost oqsma oħrajn, dawk tal-finanzi u tal-mitigazzjoni – l-ilqugħ kontra l-effetti tal-Klima.

Kien ta' sodisfazzjon għalina li fuq inizjattiva tal-Kummissarju Ewropew għall-Klima Miguel Arias Cañete għamilna xogħol ta' *co-facilitating* fejn flimkien miegħu kelli okkażjoni niltaqa' ma' mexxejja bħall-Prim Ministru ta' Tuvalu, dwar il-problema sensittiva tal-*loss and damage* li tolqot fil-laħam il-ħaj lill-pajjiżi l-aktar dgħajfa u vulnerabbli għall-effetti qerrieda tal-klima, kif ukoll meta ġejt mistieden biex f'isem l-Ministri Ewropej, flimkien miegħu, nindirizzaw *event* dwar l-istess suġġett fejn attendew għadd ta' ministri tal-pajjiżi esposti għal din il-problema, bħal dak tal-Filippini, fost oħrajn.

Il-fatt li għall-ewwel darba l-kwistjoni sensittiva tal-*loss and damage* sabet post prominenti fid-dokument finali hekk kif ġie approvat itina sodisfazzjon akbar għaliex issa wieħed jista' biss iħares 'il quddiem u mhux aktar lura fuq din l-*issue* taħraq.

Meta wieħed iqis li sa ftit jiem ilu mistoqsija li kienet fuq fomm kulħadd kienet jekk kienx se jintlaħaq ftehim fil-COP21 u jekk iva x'tip ta' ftehim kien se jintlaħaq, nemmen li għalkemm xorta se jkun hemm x'wieħed jikkritika dwar il-ftehim aħħari, huwa pass ġgantesk 'il quddiem li minnu l-komunità internazzjonali u anki l-umanità nnifisha ħarġet rebbieħa.

Ħareġ ċar li d-dinja mhux biss tgħallmet mill-iżbalji tal-COP ta' Kopenħagen iżda wkoll li għamlet minn kollox biex ma tirrepetihomx.

Ħareġ ċar ukoll li jkun żbaljat min jaħseb li l-isfida tal-klima tolqot biss l-ambjent.

Il-fatti wrew ċar li l-ambjent, l-ekonomija, id-dimensjoni soċjali u anki *issues* bħall-migrazzjoni kollha għandhom rabta diretta mal-klima.

Inħoss li l-aktar element pożittiv tad-dokument finali huwa li qarreb aktar lejn xulxin id-deċiżjonijiet politiċi mal-istudji xjentifiċi li saru tul is-snin, mas-saħħa morali ta' persunaġġi ikoniċi bħall-QT il-Papa nnifsu, kif ukoll il-fatt li għall-ewwel darba d-dokument jistabbilixxi rabta diretta permezz ta' kapitlu apposta bejn żvilupp sostenibbli u tibdil fil-klima.

Kien hemm żmien meta mhux kulħadd fehem l-importanza tal-għadd kbir ta' laqgħat Ministerjali informali li organizza l-Gvern Franċiż fl-aħħar xhur. Illum nistqarr b'konvinzjoni li mingħajr dawn il-laqgħat kienu jkun ferm aktar diffiċli biex l-istati kollha preżenti għall-COP21 jsiru jafu aktar lil xulxin, jifhmu aħjar lil xulxin, u anki jgħinu biex iċekknu l-kuntrasti kbar li seta' kien hemm fil-bidu bejn il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom.

Dawn il-laqgħat għenu wkoll biex illum li qed ngħixu f'dinja globalizzata l-parteċipanti kollha setgħu jserrħu rashom li għalkemm Franza hija stat membru prominenti tal-UE hija mexxiet b'indipendenza kbira, b'mod li bih kulħadd ħass ruħu ndaqs, kien liema kien il-blokk reġjonali li kien jagħmel parti minnu.

Is-sehem tal-midja globali u tas-soċjetà ċivili, mhux biss m'għandux jiġi sottovalutat iżda nemmen li diġà ladarba l-COP21 ta' Pariġi huwa biss il-bidu ta' kapitlu ġdid tad-deheb u parti minn proċess sħiħ għat-tul, għandna d-dmir li fix-xhur li ġejjin inlaqqgħu l-i*stakeholders* ewlenin ħalli niflu bir-reqqa u bl-attenzjoni li jixraqlu dan id-dokument li għandna l-obbligu li neżaminaw flimkien mill-aspetti kollha – dawk multilaterali, dawk fi ħdan l-UE, dawk reġjonali fil-Mediterran kif ukoll fuq livell lokali wkoll.

Fil-ġimgħat li ġejjin se nkun qed inwaqqaf l-istrutturi kkontemplati fil-liġi dwar l-azzjoni dwar il-klima li dan l-istess Parlament kien approva bi qbil unanimu, bil-għan li nkunu fl-aħjar qagħda li nindirzzaw dawn l-isfidi u l-opportunitajiet li għandna quddiemna.

Huwa xieraq u ġust li filwaqt li nrodd ħajr lit-tim tekniku kollu li ħa sehem fil-fażijiet kollha tal-COP 21 f'Pariġi f'partijiet differenti tal-ġimagħtejn tul tal-konferenza taħt il-kordinament tas-Segretarju Permanenti u d-Direttur tal-Ambjent u Klima fil-Ministeru, għandi nagħmel l-istess għall-appoġġ kontinwu li sibna sa mix-xhur bikrin tal-proċess kollu kemm mill-Ambaxxatriċi ta' pajjiżna dwar l-Azzjoni dwar il-Klima l-Prof. Simone Borg, u kemm mis-Sur Michael Zammit Cutajar li t-tnejn li huma għenu bis-sħiħ grazzi għall-esperjenza kbira tagħhom, liema għajnuna ma offrewhiex biss fil-proċess tal-COP 21 iżda wkoll fejn kellu x'jaqsam il-qasam tal-klima fiċ-CHOGM2015 ta' Malta.

Nistqarr li kienet triq twila, tqila u għat-telgħa sakemm rajna l-ftehim ta' Pariġi jintlaħaq iżda xorta s-sodisfazzjon kien ferm akbar.

Xorta waħda nħoss li l-isfida proprja għadha se tibda għaliex il-ballun issa jinsab f'saqajna lkoll.